VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,915, 6 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 344 tal-2017

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 76 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u bl-artikolu 10A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.127.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "rappreżentant awtorizzat" għandha tiżdied it-tifsira li ġejja:

" "sid benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna jew persuni naturali li huma s-sid jew li għandhom l-kontroll finali tal-klijent u, jew il-persuna jew persuni naturali li f'isimhom tkun qed titwettaq transazzjoni jew attività u tinkludi:

(a) fil-każ ta' entità, kwalunkwe persuna jew persuni naturali li huma s-sid jew li għandhom il-kontroll finali ta' dak il-korp ġuridiku jew korp ta' persuni permezz ta' sjieda diretta jew indiretta ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u sehem wieħed (1) jew iktar tal-ishma jew interessi ta' sjieda f'dik l-entità, jew permezz ta' kontroll b'mezzi oħra, għajr kumpannija elenkata fuq suq regolat li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew soġġetta għal *standards* internazzjonali ekwivalenti li jiżguraw it-trasparenza adegwata tal-informazzjoni tas-sjieda:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda ż-żamma ta' ishma ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u sehem wieħed (1) jew iktar, jew ż-żamma ta' interess ta' sjieda jew drittijiet tal-vot ta' aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fil-klijent, għandhom ikunu indikazzjoni ta' sjieda diretta meta miżmuma direttament minn persuna naturali, u ta' sjieda indiretta meta mizmuma jew minn persuna naturali permezz ta' entità waħda jew aktar, jew permezz ta' *trust* jew ta' arranġament legali simili, jew kombinament ta' dawn:

Iżda wkoll li jekk, wara li jkunu ġew eżawriti l-mezzi kollha possibbli u kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet għal suspett, ma jkun ġie identifikat l-ebda sid benefiċjarju taħt dan il-paragrafu, is-sid benefiċjarju għandu jkun il-persuna jew persuni naturali li jkollhom l-inkarigu ta' uffiċjal jew uffiċjali ta' ġestjoni superjuri.

(b) fil-każ ta' *express trusts*:

(i) is-*settlor*;

(ii) it-*trustee/s*;

(iii) il-protettur, jekk ikun hemm;

(iv) il-benefiċjarji, jew fejn l-individwi li jibbenefikaw mit-*trust* ikunu għad iridu jiġu ddeterminati, il-klassi ta' persuni li fl-interess ewlieni tagħhom, huwa stabbilit jew operat it-*trust*; u

(v) kwalunkwe persuna naturali oħra li teżerċita kontroll finali fuq it-*trust* permezz ta' sjieda diretta jew indiretta jew permezz ta' mezzi oħra;

(ċ) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi bħal fondazzjonijiet, u arranġamenti legali li huma simili għal *trusts*, il-persuna jew persuni naturali li jkollhom pożizzjonijiet ekwivalenti jew simili għal dawk imsemmija fil-punt (b);"; u

(b) it-tifsira ta' "Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

Amministrattiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE kif emendata bid-Direttivi tal-UE 2014/107/UE, 2015/2376, 2016/881 u 2016/2258;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Entitajiet għandhom iżommu informazzjoni aġġornata li tidentifika s-sidien u l-livell u t-tip tas-sehem tagħhom fl-istess entitajiet", għandu jiġi sostitwit bil-kliem"Entitajiet għandhom iżommu informazzjoni aġġornata li tidentifika s-sidien tagħhom u l-livell u t-tip tas-sehem rispettiv tagħhom fl-istess entitajiet, inkluża informazzjoni dwar is-sidien legali u benefiċjarji";

(b) il-paragrafu (b) tas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Kap.386.

"(b) kumpannija li ħarġet *warrants* dwar azzjonijiet skont l-artikolu 121 tal-Att dwar il-Kumpanniji għandha tinforma lill-awtorità kompetenti f'Malta dwar dak il-ħruġ mhux iktar tard minn xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-każ ta' *warrants* dwar azzjonijiet maħruġin qabel din id-data, jew fi żmien erbatax-il jum f'każ ta' ħruġ magħmul wara din id-data. Dawn il-kumpanniji għandhom ukoll iżommu reġistru bl-informazzjoni li tidentifika s-sidien ta' dawn il-*warrants* dwar azzjonijiet. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra fi kwalunkwe Att ieħor, persuna li għandha fil-pussess tagħha *warrant* dwar azzjonijiet ma għandu jkollha l-ebda jeddijiet fir-rigward tal-istess *warrant* dwar azzjonijiet, kemm-il darba l-kumpannija ma tiġix mogħtija l-informazzjoni neċessarja li tidentifika l-istess persuna. Barra minn hekk u minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra fi kwalunkwe Att ieħor, it-trasferiment ta' dak il-*warrant* dwar azzjonijiet ma jkunx validu skont il-liġi jekk il-kumpannija rilevanti ma tiġix mogħtija l-informazzjoni li tidentifika lis-sid il-ġdid fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-istess trasferiment:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sas-27 ta' Diċembru 2017."; u

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) *Trustees* stabbiliti taħt il-liġijiet ta' Malta jew li huma residenti f'Malta għandhom jieħdu kull miżura raġonevoli sabiex jiġi żgurat li tinżamm informazzjoni aġġornata li tidentifika lis-*settlor*, lil *trustees* oħra, lil protettur (jekk ikun hemm) u l-benefiċjarji ta' *express trusts*, (sew jekk il-liġi proprja ta' dawn it-*trusts* tkun il-liġi ta' Malta jew ta' xi imkien ieħor).".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara s-subregolament (6) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet li jagħtu effett lid-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li din tistabbilixxi, il-Kummissarju tat-Taxxi għandu jkollu aċċess għal mekkaniżmi, proċeduri, dokumenti u informazzjoni msemmija:-

(a) fl-Artikoli 13, 30, 31 u 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE; u

(b) kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġi Maltija li titrasponi l-imsemmija Artikoli 13, 30, 31 u 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-subregolament (6) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Għall-finijiet tas-subregolament 13(4), Entità Kostitwenti Maltija għandha tirrapporta kull sena r-rapport għal kull pajjiż speċifikat fit-Tabelli 1, 2 u 3 tat-Taqsima III tal-Anness III bil-mod stabbilit fl-Anness III u fi żmien tnax-il xahar mill-aħħar jum tas-sena fiskali tar-Rappurtar tal-Grupp MNE.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jissostitwixxi r-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"43. Jekk Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti jew kwalunkwe persuna oħra tidħol f'xi transazzjonijiet jew skemi, li tagħhom l-għan ewlieni, jew wieħed mill-għanijiet ewlenin, ikun li jiġi evitat kwlaunkwe obbligu taħt id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, dawn ir-regolamenti għandu jkollhom effett daqslikieku dawk it-transazzjonijet jew skemi ma jkunux saru.".

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

7. Il-paragrafu (ċ) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) meta Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti tonqos milli tapplika l-proċeduri ta' diliġenza dovuta msemmija fit-Taqsima II sat-Taqsima VII tal-Anness I , inkluż li tikseb awtoċertifikazzjoni għal Kontijiet Ġodda, penali ta' ħamest elef euro (€5,000);".

Jemenda r-regolament 45 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fir-regolament 45 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13(2), (3)(b), (4) u (5)(b), u tar-regolamenti 36 sa 44 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex Stati Membri tal-UE, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "Ġurisdizzjonijiet Rapportabbli li mhumiex Stati Membri tal-UE" ", għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13(2), (7)(b), (8)(b) u (9)(b), u r-regolamenti 36 sa 44 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex Stati Membri tal-UE, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "Ġurisdizzjonijiet Rapportabbli li mhumiex Stati Membri tal-UE" ".

Iżid regolament ġdid 49 mar-regolamenti prinċipali.

"Estensjoni tal-applikazzjoni għal ġurisdizzjonijiet li mhumiex Stati Membri tal-UE.

9. Minnufih wara r-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament li ġej:

49. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13(4), (5), (6), (7)(d), (8)(a) u (9)(b), u tar-regolamenti 36 u 47 sa 48 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex Stati Membri tal-UE u:

(a) li huwa fis-seħħ magħha arranġament li konformement miegħu hemm obbligu li tiġi provduta l-informazzjoni speċifikata fit-Taqsima III tal-Anness III li jinsab ma' dawn ir-regolamenti; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) li huma identifikati fil-lista ppublikata mill-Kummissarju fuq il-*website* tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123

(2) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, ir-rapport finali konsolidat tal-2015, magħruf bħala "Dokumentazzjoni tal-Ipprezzar tat-Trasferimenti u Rappurtar għal Kull Pajjiż dwar l-Azzjoni 13 tal-Proġett tal-Erożjoni tal-Bażi Imponibbli u t-Trasferiment tal-Profitti tal-OECD/G20", żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, għandu jkun użat bħala sors ta' illustrazzjoni jew interpretazzjoni.".

Jemenda l-Anness I tar-regolamenti prinċipali.

10. It-Taqsima VIII tal-Anness I tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subparagrafu Ċ(9)(b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) kwalunkwe Kont Finanzjarju ta' Detentur tal-Kont, irrispettivament mid-data tal-ftuħ ta' dak il-Kont Finanzjarju, jekk:

(i) id-Detentur tal-Kont għandu wkoll mal-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar (jew ma' Entità Relatata fl-istess Stat Membru bħall-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar), Kont Finanzjarju li huwa Kont Pre-eżistenti taħt is-subparagrafu Ċ(9)(a);

(ii) l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar (u, kif applikabbli, l-Entità Relatata fl-istess Stat Membru bħall-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Rappurtar) titratta ż-żewġ Kontijiet Finanzjarji hawn fuq imsemmijin u kwalunkwe Kont Finanzjarju ieħor tad-Detentur tal-Kont li huwa ttrattat bħala Kont Pre-eżistenti taħt il-punt (b), bħala Kont Finanzjarju uniku għall-finijiet tas-sodisfazzjoni tal-istandards tar-rekwiżiti tal-għarfien stipulati fil-paragrafu A tat-Taqsima VII, u sabiex jiġi determinat il-bilanċ jew il-valur ta' kwalunkwe wieħed mill-Kontijiet Finanzjarji meta jiġi applikat kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-kont;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) fir-rigward ta' Kont Finanzjarju li huwa suġġett għall-Proċeduri tal-AML/KYC, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar hija permessa tissodisfa dawn il-Proċeduri tal-AML/KYC għall-Kont Finanzjarju billi toqgħod fuq il-Proċeduri tal-AML/KYC imwettqa għall-Kont Pre-eżistenti deskritt fis-subparagrafu Ċ(9)(a); u

(iv) il-ftuħ tal-Kont Finanzjarju ma jeħtieġx l-għoti ta' informazzjoni ġdida, addizzjonali jew emendata tal-klijent, mid-Detentur tal-Kont ħlief għall-finijiet tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.";

(b) is-subparagrafu Ċ(17)(a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"17. It-terminu "Kont Eskluż" ifisser kwalunkwe wieħed mill-kontijiet li ġejjin:

(a) kont ta' rtirar jew pensjoni li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala kont ta' rtirar personali jew huwa parti minn pjan ta' rtirar jew pensjoni rreġistrata jew irregolata, għall-provvista ta' benefiċċji għall-rtirar jew għall-pensjoni (inklużi benefiċċji ta' diżabilità jew mewt);

(ii) il-kont jibbenifika minn benefiċċji fiskali (jiġifieri, kontribuzzjonijiet depożitati fil-kont, li altrimenti jkunu soġġetti għat-taxxa, jiġu mnaqqsa jew eskluži mill-introjtu gross tad-Detentur tal-Kont jew intaxxati b'rata mnaqqsa, jew it-tassazzjoni tal-introjtu minn investiment mill-kont tiġi differita jew intaxxata b'rata mnaqqsa);

(iii) huwa meħtieġ ir-rappurtar tal-informazzjoni lil awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tal-kont;

(iv) il-ġbid tal-flus huwa suġġett għall-kondizzjoni li tintlaħaq età ta' rtirar speċifikata, id-diżabilità, jew mewt, bl-applikazzjoni ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

penalitajiet f'każ li l-flus jingibdu qabel l-okkorrenza ta' dawn l-avvenimenti speċifikati; u

(v) jew (i) il-kontribuzzjonijiet annwali huma limitati għal ammont denominat f'Euro li jikkorrispondi għal USD 50 000 jew inqas; jew (ii) jeżisti limitu ta' kontribuzzjoni massima tul il-ħajja għall-kont ta' ammont denominat f'Euro li jikkorrispondi għal USD 1 000 000 jew inqas, bl-applikazzjoni, f'kull każ, tar-regoli stipulati fil-paragrafu Ċ tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kontijiet u l-konverżjoni tal-munita.

Kont Finanzjarju li b'mod ieħor jissodisfa r-rekwiżit tas-subparagrafu Ċ(17)(a)(v) ma jonqosx milli jissodisfa dan ir-rekwiżit unikament minħabba l-fatt li dan il-Kont Finanzjarju jista' jirċievi assi jew fondi trasferiti minn kont finanzjarju wieħed jew aktar li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-subparagrafu Ċ(17)(a) jew (b), jew minn fond wieħed jew aktar tal-irtirar jew tal-persjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe wieħed mis-subparagrafi B(5) sa (7);".